

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/924

tat-8 ta' Ġunju 2022

**li jirreġistra isem fir-registratu tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Spreewälder Gurkensülze" (IĠP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Ċermanja biex l-isem "Spreewälder Gurkensülze" jiġi rreġistra fir-registratu għet-ippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (²).
- (2) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-isem " Spreewälder Gurkensülze " jiġi rreġistra,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

L-isem "Spreewälder Gurkensülze" (IĠP) huwa b'dan ir-reġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel subparagraphu jidentifika prodott tal-Klassi 1.2. Prodotti tal-laħam (imsajra, immellħa, affumikati, eċċ.) tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2022.

*Għall-Kummissjoni  
Fissem il-President,  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) ĠU C 93, 28.2.2022, p. 11.

(³) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).